# Qorti Civili - Prim'Awla
# Sede Kostituzzjonali

**Imhallef**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 20 ta' Gunju 2025**

**Rikors Numru:- 4/2023 JVC**

**Evelyn Galea [K.I. nru 46448(G)]; Mary Rapa [K.I. nru: 26743(G)]; u Joseph Galea [K.I. nru: 66341(G)]**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat; u**
**Bernarda Grima [K.I. nru 23140(G)]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Evelyn Galea et li jaqra kif isegwi:

'1. Ir-rikorrenti huma is-sidien tal-proprjetà ossia l-fond numru tmienja u ghoxrin (28), Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex.

2. L-inkwilini u intimati Salvatore u Bernarda konjugi Grima ilhom jokkupaw l-fond surriferit għal żmien twil minn qabel l-1995 taħt titolu ta' kera stabbilit u miżmum taħt id- disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69.

3. Illi għalhekk l-intimati konjugi Grima baqghu jgawdi kirja sfurzata fuq is-sidien u sas-sitta' (6) ta' Gunju 2022 kienu jħallsu biss kera ta' mija u hamsa u tmenin euro ( €185) fis-sena. Illi s-somma suriferita hija dik il-kera massima li jipprospetta l-artikolu 1531C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma nżamm il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin. Ma hemm l-ebda dubju illi din hija kera baxxa, speċjalment ikkunsidrat dak li l-proprjetà kapaċi iġġib fis-suq miftuħ.

4. Illi ai termini tal-artikolu 4 A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti kellhom dritt jitolbu li l-kera tigi riveduta ghal ammont li ma jaccedix tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2021. Illi huma hekk għamlu u ottjenew decizjoni mill-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex) fis-sitta (6) ta' Gunju 2022 fejn il-kera giet awmentata ghal disat elef u disa mitt euro (EUR 9,900) fis-sena;

5. Illi huwa stat ta' fatt illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-anqas qabel daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021, ta' d-dritt lill-intimati li jibqghu jgħixu fil-fond suriferit minkejja li skada t-terminu lokatizju, b'kera irriżorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas żżomm bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin, bl-uniku awment permessibli jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi. Dan irriżulta għal relazzjoni sforzata ta' sidien u inkwilin għall-perjodu indefinit.

6. Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti ġew mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom, mingħajr ma ġew mogħtija kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond. Għaldaqstant gew ipprivati mill-proprjeta' taghhom bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

7. Il-livell baxx ta' kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura ta' propjetà, in- nuqqas ta' salvagwardja proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għejxien f'Malta f'dawk l-aħħar deċimi u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.

8. Għalhekk fil-fehma umili tar-rikorrenti, d-drittijiet tagħhom ġew miksura l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement għandhom dritt jirċievu kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, stante illi ġie privat,

mingħajr ma ngħata kumpens ġust għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom.

**Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlobu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jgħidu l-intimat għaliex m'għandhiex:**

1.. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, u/jew minħabba l-Att X tal-2009, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom tal-fond 28, Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b' konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet suċċitati fit-talba preċedenti u dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni bil-ħatra ta' perit nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini ta' l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

5. Tagħti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa;

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra l-intimati li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

'1. Ili preliminarjament, ir rikorrenti iridu jġibu prova sodisfacenti tat-titolu tagħhom għall-fond in kwistjoni;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jridu jġibu prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proċeduri hi verament imħarsa mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

4. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi r-rikorrenti, m'għandhomx raġun iqajmu l-artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, stante illi dan l-artikolu jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin. Kemm hu hekk, dan l-artikolu tat-Trattat ma jifformax parti mil-liġi Maltija għaliex mhuwiex inkluż fit-tifsira ta' 'Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali", kif riprodotta fl-artikolu 2 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma ġie traspost fil-liġi domestika skont l-artikolu 3 (3) tal-Kap 304 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur ma jistax jissustixxi wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021;

Bl-ispejjeż'.

Rat ukoll ir-risposta tal-intimata Bernardine Grima li taqra kif isegwi:

'1. Illi preliminarjament, it-talbiet magħmula mir-rikorrenti m'humiex proponibbli fil-konfront tal-esponenti, u sussegwentement, kemm-il darba jirrizulta ksur, huwa biss l-Istat li jehtieg jaghmel tajjeb ghall-istess;

2. Illi fin-nuqqas li l-esponenti tigi rilaxxata mill-osservanza tal-gudizzju, allura jsegwi li t-talbiet ghandhom, fl-intier taghhom, jigu michuda fil-konfront tal-esponenti;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi rimedju li jista' talvolta jkun spettanti lir-rikkorenti, ma jistax jingħata mill-esponenti, ossia mic-cittadin. Sussegwentement, l-esponenti m'għandhiex tbati spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, in

kwantu li ma tistax tkun ikkundannata talli ottemprat ruhha ma' ordni legittima tal-istat;

4. Illi minghajr pregudizzju għas-suespost, it-talbiet għandhom jigu michuda peress illi l-istat ghandu dritt illi jintroduci legislazzjoni sabiex jikkontrolla l-uzu tal-propjeta' ghall-ghanijiet xierqa fl-interess generali, u l-esponenti tgawdi l- propjeta` mertu tal-kawza ai termini tal-ligijiet vigenti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.’.

Rat l-affidavit, xhieda, kopja tal-ktieb tal-kera, kopji ta' dikjarazzjonijiet *causa mortis*, kontro-ezami, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Frar, 2024 Dr, Chris Said ghar-rikorrenti talab li jigu allegati l-atti tal-kawza bir-rikors numru 3/2021 fl-ismijiet Galea Evelyn et -vs- Grima Salvu et deciza nhar is-6 ta' Gunju, 2022, rat li l-kontro-partijiet m’oggezzjonawx u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni;

Rat l-atti allegati mal-process odjern bir-rikors numru 3/2021 fl-ismijiet Galea Evelyn et -vs- Grima Salvu et;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Frar, 2024 Dr. Chris Said ghar-rikorrenti talab in-nomina ta' perit tekniku sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond bin-numru 28 fi Triq fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex mis-sena 1987 u kull hames snin sas-6 ta' Gunju, 2022, rat li l-kontro-partijiet m'oggezzjonawx salv ghall-ispejjez, u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Joseph Grech;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech ipprezentat fl-atti nhar l-14 ta' Mejju, 2024 a fol. 90 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 12 ta’ Marzu, 2025 ir-rikors gie differit ghad-decizjoni bil-fakulta’ tal-partijiet li jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet b’termini mposti fuqhom.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet esebita fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**
**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor tal-kaz odjern huma s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti jippremettu li huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru 28 fi Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem liema fond gie akkwistat minnhom in kwantu ghal nofs (1/2) indiviz mill-wirt u successjoni taz-zija taghhom Rosa Galea u in kwantu ghan-nofs (1/2) indiviz l-iehor mill-wirt u successjoni ta' ommhom Carmela Galea (ara dikjarazzjonijiet *causa mortis* a fol. 24 et seq tal-process). Il-Qorti tinnota li fiz-zewg dikjarazzjonijiet *causa mortis* il-fond in kwistjoni huwa ndikat bin-numru 27 fi Triq il-Ghajn, Ghajnsielem, filwaqt li fil-process kollu huwa ndikat bin-numru 28. Il-Qorti temmen li jista’ jkun li kien hemm kambjament fin-numru tal-fond, ghalkemm m'ghandiex dubju li huwa l-istess fond billi fid-deskrizzjoni hemm ukoll indikat li l-fond huwa mikri lil terzi. Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Rosa Mizzi (a fol. 24) il-fond gie deskritt bil-mod segwenti:

a. ‘Nofs (1/2) indiviz mill-fond bin-numru sebgha u ghoxrin (27), Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, bl-ambjenti u bl-arja kollha tieghu, liema fond huwa mikri lil terzi bl-ammont ta' kera attwali ta' mija u hamsa u tmenin ewro (€185) fis-sena, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi kollha tieghu, tal-valur dan in-nofs (1/2) indiviz appartenenti lid-decujus ta' hamsin elf ewro (€50,000).'

2. Illi l-fond in kwistjoni kien inghata mill-antekawza fit-titolu tar-rikorrenti b'titolu ta' kera lill-intimata Bernarda Grima zgur mis-sena 1964 u dan hekk kif jidher mill-kopja tal-ktieb tal-kera a fol. 32 et seq tal-process. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-kirja tipprecedi s-sena 1995. Il-fond ghadu f'idejn Bernarda Grima sallum u dan ai termini tal-Ordinanza

li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti li tawha dritt ta' lokazzjoni.

3. Illi r-rikorrenti pprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu li jigi dikjarat u deciz li per konsegwenza tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXIV tal-2021, u/jew minhabba l-Att X tal-2009, gew vjolati d-drittijiet taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghhom tal-fond 28 fi Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Ir-rikorrenti talbu wkoll li jigi ddikjarat u deciz li l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-ligijiet succitati fit-talba precedenti u dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Talbu wkoll sabiex jigi likwidat l-istess kumpens u danni bil-hatra ta' perit nominandi. Finalment ir-rikorrenti talbu wkoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja u taghti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa.

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech:</u>**

Illi b'digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Frar, 2024 a fol. 16 tal-process gie nominat il-Perit Tekniku Joseph Grech sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond bin-numru 28 fi Triq fuq l-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex mis-sena 1987 u kull 5 snin sas-6 ta' Gunju, 2022.

Illi l-Perit Tekniku Joseph Grech esebixxa r-rapport tieghu nhar l-14 ta' Mejju, 2024 u jinsab fl-atti a fol. 90 et seq tal-process. Jirrizulta mir-rapport li l-Perit Tekniku Grech, wara li ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu dwar il-metodu li bih wasal ghall-valuri, huwa jaghti deskrizzjoni tal-proprjeta' u ghadda sabiex jaghti l-valur fis-suq tal-fond u l-valur lokatizzju.

Il-Perit Tekniku Grech spjega li huwa bbaza l-valur tal-proprjeta' ghas-snin precedenti fuq 'property price index' mahrug mill-Bank Centrali ta' Malta kif ukoll aggustati skont valuri ta' proprjetajiet mibjughin fiz-zona. Jghid ukoll li huwa ha konjizzjoni wkoll tar-rapport Djar/EY mahrug f'Dicembru 2021 kif ukoll tar-rapport 'Property Market Study Overview 2022' mahrug mill-istess entita', rapport iehor 'Property Market Study March 2022' u 'The Malta Property Landscape' mahrugin minn Grant Thorton u The Annual Malta Residential Rental Study 2nd Edition (Housing Authority). Il-Perit Tekniku Grech jghid illi l-valur lokatizzju gie stabilit bhala persentagg fuq il-valur fis-suq u r-rata' applikata kienet dik kif indikata fit-Tabella bhala 'Yield'. Il-Perit Tekniku Grech irrelata dwar il-valur fis-suq f'diversi snin cioe' fis-sena 1987, 1992, 1997, 2002, 2007, 2012, 2017 u 2022 bil-valur ghas-sena 2022 ikun dak ta' <u>hames mija u hamsin elf Ewro (€550,000).</u>

Il-Perit Tekniku Grech ulterjorment irrelata dwar il-valur lokatizzju fis-suq tal-istess fond ghall-perjodu mis-sena 1987 sas-sena 2022 kif isegwi:

| **Sena** | **Valur fis-Suq** | **Yield** | **Valur Lokatizzju (annwali)** |
|---|---|---|---|
| 1987 | €65,000 | 2.00% | €1,300 |
| 1992 | €105,000 | 2.00% | €2,100 |
| 1997 | €190,000 | 2.00% | €3,800 |
| 2002 | €220,000 | 2.50% | €5,500 |
| 2007 | €380,000 | 2.50% | €9,500 |
| 2012 | €380,000 | 2.75% | €10,450 |
| 2017 | €475,000 | 3.00% | €14,250 |
| 2022(Q2) | €550,000 | 3.50% | €19,250 |

Mill-process jirrizulta li hadd mill-partijiet ma' eskuta lill-Perit Tekniku, kif ukoll hadd mill-partijiet ma ressaq talba ghall- periti perizjuri.

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni preliminari l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa li r-rikorrenti jridu jgibu prova sodisfacenti tat-titolu taghhom fuq il-fond in kwistjoni. Imbaghad bhala t-tieni eccezzjoni talab li r-rikorrenti jridu jgibu prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proceduri hi verament imharsa mill-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Prova tat-titolu:</u>

Illi jibda billi jinghad dwar il-prova tat-titolu, li kif kellha okkazzjoni tiddeciedi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet **Robert Galea -vs- Avukat Generali et** deciza nhar is-7 ta' Frar, 2017:

'Illi biex wieħed ikun f'qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed originali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kienet waħda ta' rivendika. Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaga li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun.'.

Il-Qorti rat li minn ezami tal-provi jirrizulta li r-rikorrenti ressqu prova sufficjenti tat-titolu taghhom sal-grad rikjest mil-ligi ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, inkluz prova tad-data meta saru sidien tal-fond in kwistjoni. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-fond in kwistjoni huwa proprjeta' tar-rikorrenti. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal gherq tat-titolu gia elenkat aktar il-fuq fis-sezzjoni '**Fatti fil-qosor:**' fejn tikkwota wkoll *ad verbatim* il-kliem uzat fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Rosa Mizzi u li fiha hemm indikat li l-fond huwa mikri lil terzi. Apparti minn hekk, l-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ddikjara li m'huwiex jinsisti fuq din l-eccezzjoni.

Prova li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta huma applikabbli ghall-kaz odjern:

Illi r-rikorrenti jressqu d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* bhala prova tal-ftehim tal-kirja fejn hemm iddikjarat li l-fond in kwistjoni huwa suggetta ghal kera favur terzi. Filwaqt li l-intimata Grima tipprezenta kopja tal-ktieb tal-kera minn fejn jirrizulta b'mod car li l-kirja ilha ghaddejja mis-sena 1964, b'dan li m'hemmx dubju li din il-kirja kienet tmur lura ghas-snin qabel l-1995. Ukoll, l-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ddikjara wkoll li m'huwiex jinsisti fuq din l-eccezzjoni.

In vista ta' dan il-Qorti tinsab sodisfatta bl-ezistenza tal-kirja u li din giet koncessa ferm qabel l-1995 u ghalhekk huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant hija sejra tghaddi sabiex tichad dawn l-eccezzjonijiet.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata Bernardine Grima:**

Illi l-intimata Grima preliminarjament eccepiet illi t-talbiet maghmula mir-rikorrenti m'humiex proponibbli fil-konfront taghha u sussegwentement kemm il-darba jirrizulta ksur, huwa biss l-Istat li jehtieg jaghmel tajjeb ghall-istess.

Illi huwa accettat mill-gurisprudenza taghna illi f'kawzi ta' indoli kostituzzjonali huwa l-Istat li ghandu jwiegeb ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali billi huwa l-Istat illi ghandu l-obbligu illi jassigura li l-ligijiet ma joholqux zbilanc jew sproporzjon ingust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat.

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti jilmentaw li bl-applikazzjoni tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini u l-Att X tal-2009 u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qeghdin jaghtu lok ghal dritt ta' rilokazzjoni, b'dan li qed jigu miksura u vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta' in-numru 28 fi Triq fuq il-Ghajn,

Ghajnsielem u dan bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni tas-6 ta' Frar, 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Sam Bradshaw et -vs- L-Avukat Generali et** dwar il-kwistjoni ta' legittimu kontraddittur trattat ukoll il-kwistjoni ta' kostituzzjonalita' u spejjez f'kawza simili u nghad illi:

'20. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm taqbel mat-tezi li, ladarba l-kazin agixxa skont il-ligi, allura m'ghandux legalment jirrispondi ghall-inkostituzzjonalita' tal-ligi applikata minnu jew jehel spejjez tal-kawza, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-kazin stante li dan hu parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita' taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integreta' tal-gudizzju. Il-kazin bhala inkwilin tal-fond ghandu interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilu direttament. Ghal din ir-raguni huwa ghandu jkun partecipi fil-gudizzju u ghalhekk huma legittimi kuntraditturi. Ghaldaqstant lewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it-talba ghas-sejha fil-kawza tal-kazin intimat.'.

Din il-Qorti tqis li m'ghandiex xi zzid ma' dak li nghad mill-Qorti Kostituzzjonali stante li taqbel mal-istess. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**<u>L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>**

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-

kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'.

Illi dwar dan fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali datata 31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et -vs- L-Onorevoli Prim' Ministru et** inghad illi:

'...fejn si tratta minn ilmenti ta' vjolazzjoni ta' natura kontinwa tad-drittijiet ta' proprjeta` bhala rizultat tat-twettieq ta' ligijiet li jimponu arrangamenti lokatizji fuq is-sidien u li jipprovdu ghal ammont ta' kera allegatament inadegwat, gew ritenuti li jammontaw ghal mezz ta' kontroll mill-iStat fuq l-uzu tal-proprjeta u, inkwantu tali, jaqghu sabiex jigu kkunsidrati taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Interferenza bhal din trid tkun kompatibbli mal-principji ta' (i) legalita` (lawfulness), (ii) ghan legittimu fl-interess generali, u (iii) bilanc gust.'.

Bl-istess mod, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet diversi drabi illi:

'*rent-control schemes and restrictions on the right to terminate a tenant's lease constitute control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1. It follows that the case should be examined under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1*'. (ara **Hutten-Czapska v. Poland** (GC), no. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, u **Bittó and Others v. Slovakia**, no.30255/09, § 101, 28 January 2014).'.

Fuq l-element tal-interess generali intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Mejju,

2017 fl-ismijiet **Josephine Azzopardi et -vs- L-Onorevoli Prim' Ministru et** illi:

'Illi huwa stabilit li biex indhil fit-tgawdija tas-sid jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta ghal dak l-indhil, u mhux semplici ipotesi ta' bzonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku ghandu jibqa' jsehh ghaz-zmien kollu tal-indhil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna.'.

Illi fid-decizjoni **Joseph Brownrigg et -vs- Avukat tal-Istat et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April, 2021 illi:

'It-terminu interess pubbliku jew generali ghandu interpretazzjoni pjuttost ampja, u l-awtoritajiet responsabbli ghandhom dikrezzjoni wiesgha f'dan il-kuntest li m'ghandhiex tigi mittiefsa mill-qrati sakemm ma jirrizultax li tkun irragonevoli. Detto dan, din id-diskrezzjoni mhijiex wahda llimitata u l-ezercizzju taghha jrid dejjem ikun entro l-ezigenzi minimi mposti mill-Konvenzjoni.'.

Fil-kaz tal-element tal-proporzjonalita', gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Sporrong and Lönnroth v. Sweden** (QEDB, 12/12/1984) illi sabiex interferenza fid-drittijiet sanciti permezz tal-Artikolu 2 tal-Ewwel Protokoll ma tkunx f'lezjoni tal-istess drittijiet, ghandu jirrizulta li l-interferenza li dwarha jkun qed isir l-ilment tkun zammet:

'[a] fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1.'.

Dwar dan il-punt gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni fl-ismijiet **Angela sive Gina Balzan -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et** nhar is-7 ta' Dicembru, 2012 illi:

'Hekk kif il-Gvern ghandu dritt jespropria art fl-interess pubbliku, basta joffri kumpens gust ghal dak it-tehid, hekk ukoll jekk, fl-interess nazzjonali, ihoss li jrid jintervjeni fl-uzu li jsir minn proprjeta` ta' terzi,

irid jara li c-cittadin privat ma jigix ippregjudikat, u li jinghata kumpens xieraq ghall-uzu impost. L-aspett socjali ta' ligi trid tigi evalwata mill-Gvern, u sta ghall-Gvern jara li ligi, applikabbli ergo omnes, twassal ghal-konsegwenzi mixtieqa, pero`, fejn se jigu aggevolati klassi ta' persuni f'sitwazzjoni partikolari, il-Gvern irid jara Ii ma tbatix klassi ohra ta' cittadin, u hawn il-htiega ta' bilanc gust.

Jinkombi fuq il-Gvern li johloq mekkanizmu li f'kull kaz iwassal ghal bilanc gust, u ghall-fini ta' dan il-kaz, din il-Qorti tara li l-Gvern ma pprovdix ghas-sitwazzjoni fejn il-kumpens ikun baxx wisq...'.

Illi l-isproporzjon o meno ta' mizura ghandha pero' tigi ezaminata f'kull kaz skont ir-rizultanzi fattwali tieghu.

Illi fil-kaz odjern, fl-atti gie stabilit il-valur lokatizzju fis-suq miftuh tal-fond mertu tal-kawza odjerna billi fil-mori gie nominat il-Perit Tekniku Joseph Grech ghal dan il-ghan. Mill-atti jirrizulta li l-kera mhallsa originarjament kienet dik ta' erbghin (Lm40) lira Maltija ekwivalenti ghas-somma ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax il-centezmu (€93.17) u sussegwentement zdiedet bl-awmenti. Jekk tinghata harsa lejn is-sena 1988 il-kera percepibbli annwali mir-rikorrenti jekk jittiehed l-ammont kif indikat fl-ircevuti prezentati fl-atti a fol. 32 et seq tal-process bhala dak ta' erbghin (Lm40) lira tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax il-centezmu (€93.17) filwaqt li l-valur lokatizzju tal-fond fis-suq miftuh kien ferm oghla u cioe' dak ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300). Bl-istess mod il-valur lokatizzju tal-fond fis-suq miftuh fis-sena 2020 kien dak ta' erbghatax il-elf mitejn u hamsin Ewro (€14,250) fis-sena filwaqt li l-kera annwali percepibbli mir-rikorrenti kienet merament dik ta' mitejn u ghaxar Ewro (€210). Hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-diskrepanza li tirrizulta hija wahda ferm sproporzjonata u ma tohloqx bilanc bejn l-ghan tal-mizura u d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti sanciti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi dwar l-emendi ntrodotti permezz tal-Att X tal-2009, u b'mod partikolari l-Artikolu 1531C tal-Kodici Civili gie wkoll ritenut fid-

decizjoni kwotata aktar il-quddiem fl-ismijiet **Joseph Brownrigg et -vs- Avukat tal-Istat et** illi:

'Fir-rigward tal-emendi introdotti permezz tal-Att X tal-2009, u b'mod partikolari l-artikolu 1531C tal-Kodici Civili, il-Qorti tosserva illi diga jinsab ritenut fil-gurisprudenza illi dawn l-emendi tejbu verament ftit il-posizzjoni tas-sidien b'mod li ma jistax jinghad li gabu fit-tmiem il-ksur tal-jeddijiet fondamentali li s-sidien kienu qed isofru. Dan b'mod partikolari ikkonsidrat illi l-fatt li l-kera toghla kull tliet snin skont id-dettami tal-Artikolu 1531C tal-istess Kodici ftit li xejn ittaffi mid-diskrepanza qawwija li tezisti bejn il-kirja attwali offerta u dik li tkun dovuta fis-suq mhux kontrollat. Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et** (Kost 27/03/2015):

"Lanqas l-emendi ghall-Kodici Civili li sehhew bl-Att tas-sena 2009 ma jistghu jitqiesu bhala li jaghtu rimedju effettiv ghall-lanjanzi tar-rikorrenti, kemm ghax tezisti diskrepanza enormi bejn l-awment fil-kera kontemplat fl-artikolu 1531C u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq hieles, kif ukoll ghax iddisposizzjonijiet tal-artikolu 1531, fic-cirkostanzi tal-kaz, jaghmlu remota l-possibilita` li dawn jipprendu l-pussess tal-fond taghhom."

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li dawn l-emendi ghall-Kodici Civili ma jistghux ikunu ta' konfort ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti in kwantu dawn kienu qed jissubixxu lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom u baqghu kostretti li jircievu kera tenwa revedibbili abbazi tar-restrizzjonijiet imposti.

Illi l-Qorti tqis ukoll li r-restrizzjonijiet taht il-Kap. 69 jikkostitwixxu wkoll ndhil fid-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, stante li permezz taghhom nholqot "*forced landlord-tenant relationship*" ghal zmien indefinit, b'mod li r-rikorrent sofrew minn deprivazzjoni tal-proprjeta` taghhom, stante li legalment ma setghux jiehdu lura l-proprjeta' hlief taht certi kondizzjonijiet. Illi kif qalet il-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz **Cassar vs Malta**, (App. 50570/13):

*"The Court observes that in the present case the lease was subject to renewal by operation of law and the applicants had no possibility to evict the tenant on the basis of any of the limited grounds provided for by law. Indeed, any such request before the RRB, in the circumstances obtaining in their case, would have been unsuccessful."'*.

Illi in vista tal-insenjamenti kollha suesposti din il-Qorti tqis li r-rikorrenti Evelyn Galea et certament sa qabel ma gie ntrodott l-Att XXIV tal-2021 garrbu ksur tal-jedd fundamentali taghhom sancit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Rimedji:</u>**

Illi r-rikorrenti fit-talbiet taghhom, oltre dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, talbu wkoll li jigi likwidat kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji li ghandhom jithallsu lilhom mill-intimat Avukat tal-Istat fit-termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra kif isegwi:

'Jekk il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Konvenzjoni jew tal-Protokoll taghha, u jekk il-ligi interna tal-Parti Gholja Kontraenti kkoncernata tippermetti biss riparazzjoni parzjali, il-Qorti ghandha taghti s-soddisfazzjon xierqa lil parti leza jekk ikun necessarju.'.

Illi dan l-artikolu ma jsibx applikazzjoni fil-ligi lokali w'ghalhekk dwar dan l-artikolu l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-hames (5) eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u tichad dik il-parti tat-talba relatata mal-istess artikolu.

**<u>Kumpens:</u>**

Illi dwar il-kumpens dovut il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Herbert Brincat et -vs- Avukat Generali et** deciza fis-27 ta' Gunju, 2019, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet illi d-danni pekunjarji li

ghandhom jinghataw f'kawza bhal din m'ghandhomx ikunu ekwivalenti ghal danni civili:

'... l-kumpens misthoqq lill-persuna wara li jkun instab li din garrbet ksur ta` xi jedd fundamentali taghha ma huwiex l-istess bhal-likwidazzjoni u hlas ta` danni civili mgarrba. Huma minnu li Qorti Kostituzzjonali tista' taghti bhala rimedju kemm danni pekunarji kif ukoll danni non-pekunarji, izda din il-Qorti tissenjala li l-kumpens pekunjarju li jinghata f'proceduri bhal dawn ma ghandux ikun ekwivalenti ghal danni civili ai termini tal-Artikolu 1031 et seq. tal-Kodici Civili. Id-danni pretizi huma marbuta mat-talba ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fundamentali u mal-iskop socjali u l-interess generali tal-ligi.'.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza partikolari ghas-sentenza deciza recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar, 2023 fl-ismijiet **Paolino sive Lino Agius et -vs- L-Avukat tal-Istat et** bir-rikors numru 246/19/1 li ghamlet referenza ghad-decizjoni **Cauchi -vs- Malta** deciza mill-Qorti Ewropea fil-25 ta' Marzu, 2021. Il-Qorti tqis li l-istess principji enuncjati u r-ragunament applikat f'dak il-kaz ghandu japplika wkoll ghall-kaz odjern:

'20. Għalhekk skont l-istima tal-perit tekniku, it-total tal-kera li sid il-kera seta' jirċievi fis-suq miftuħ kien:

- - 30/4/1987 sa Frar 1999 ċirka = €23,047

  u nofs dak l-ammont hu €11,523

- - 27/3/2015 sal-1/6/2021 ċirka = €44,970
- Total.........................................€56,493.
-

21. Meta tapplika l-linji gwida tas-sentenza tal-QEDB fil-każ Cauchi v. Malta, irid jitnaqqas 30% (minħabba l-għan soċjali) = €39,545 u imbagħad 20% (minħabba l-inċertezza jekk il-fond kienx ikun mikri għall-perjodu kollu rilevanti) = €31,636.

22. Ir-rikorrenti ddikjaraw li l-kera kienet €163.06 fis-sena. Għalhekk fil-perjodu rilevanti 30 ta' April 1987 sal-bidu ta' Frar 1999 il-kera li kienu intitolati għaliha kienet ta' ċirka €2,000, minn liema somma jrid jonqos in-nofs peress li kif spjegat nofs il-qligħ kien jappartjeni lill-mara tat-testatur. Qalu li fl-2013 sal-2015 żdiedet għal €197.58 fis-sena, bejn l-2016 u l- 2018 awmentat għal €203.14, u fl-2019 reġgħet żdiedet għal €209.64. Għalhekk fit-tieni perjodu bejn is-27 ta' Mejju 2015 sal-1 ta' Ġunju 2021, il-kera kienet ċirka €1,311. Total ta' €2,311. Meta tnaqqas €31,636 - €2,311 jibqa' bilanċ ta' €29,325.'.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-inkwilina Grima kienet ilha tgawdi l-fond ghal wiehed u sittin (61) sena, infatti mill-kopja tal-ktieb tal-kera esebit fl-atti a fol. 32 et seq tal-process jirrizulta li l-kirja zgur bdiet fis-sena 1964.

Il-Qorti, wara li fliet id-decizjonijiet kollha in materja nkluz dawk kwotati f'din l-istess decizjoni tasal ghas-segwenti likwidazzjoni ta' danni pekunjarji.

Fl-ewwel lok il-Qorti tqis li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-perijodu mis-sena 1987, cioe' s-sena li minnha l-antekawza tar-rikorrenti nghataw il-possibilita' fil-ligi Maltija li jaghmlu petizzjoni, u l-perijodu ghandu jkompli sa Mejju 2021 cioe' sa meta dahlu fis-sehh l-emendi bl-Att XXIV tal-2021. Dan qed isir fid-dawl ta' dak li nghad mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni moghtija fis-26 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet **Carmel sive Charles Sammut et -vs- Maria Stella Dimech et** fejn irriteniet illi ghalkemm il-proprjeta' ghaddiet f'idejn l-ahwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom ma jfissirx li ghandhom jedd ghall-kumpens minn dakinhar biss.

Il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni fis-suq miftuh matul is-snin imsemmija, kif stmat mill-Perit Tekniku Joseph Grech, jammonta komplessivament ghal dak ta' mitejn hamsa u ghoxrin elf sitt mija hamsa

u erbghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€225,645.83). Mill-kopja tal-ktieb tal-kera jirrizulta li originarjament il-kera mhallsa kienet dik fl-ammont ta' erbghin (Lm40) lira tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax il-centezmu (€93.17), liema ammont zdied sussegwentement bl-awmenti li dahlu fis-sehh bl-introduzzjoni tal-Att X tal-2009. Dan ifisser li kumplessivament jigi li r-rikorrenti u l-antekawza taghhom ircivew is-somma ta' erbgha 'telef tlett mija sitta u ghoxrin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€4,326.59). Ghalhekk l-ammont dovut lir-rikorrenti Evelyn Galea et huwa dak ta':

€225,645.83 - €4,326.59 = €221,319.24

Il-Qorti tqis li, in linea mal-gurisprudenza suesposta, ghandha titnaqqas somma ulterjuri ekwivalenti ghal 30% u wkoll persentagg ulterjuri ta' 20% stante li kif inghad fil-gurisprudenza suesposta ghandu jigi tenut kont li mhux necessarjament il-proprjeta' in kwistjoni kienet ser tinkera tul il-perjodu kollu li kieku kienet libera sabiex tinkera:

€221,319.24 – 30%= €154,923.47 – 20% = €123,938.78

**<u>Ammont ta' kumpens dovut</u>**: mija tlieta u ghoxrin elf disgha mija tmienja u tletin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€123,938.78). Il-Qorti tispecifika li l-ammonti huma kalkolati press'o poco u li dawn isiru sabiex il-Qorti jkollha idea tas-somma li qed tigi dikjarata *arbitrio boni viri*.

In kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens moghti tibqa dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Il-Qorti rat ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Henry Deguara Caruana Gatt et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 fejn il-Qorti qieset li l-ammont ta' €500 ghal kull sena illi l-parti li tkun sofriet ksur tad-drittijiet fondamentali taghha hija korretta bhala kumpens ikkunsidrat li ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qrati Ewropea fuq dan il-punt. Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti u wkoll in vista li fil-kaz citat is-somma likwidata bhala danni kienet ferm aktar ghola minn dik odjerna l-Qorti tqis li kumpens ghal danni mhux pekunjarji ta' tnax-il elf Ewro (€12,000) huwa wiehed idoneu u gust fic-cirkustanzi.

**Decizjoni:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' w'tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad in parte l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimata Grima u dan billi l-azzjoni hija proponibbli fil-konfront tagħha u dan għar-raġunijiet suesposti u tilqa' l-eċċezzjoni fil-kumplament billi effettivament f'kawża bħal din huwa proprju l-Istat li għandu jwieġeb għall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali;

2. Tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat b'dan li l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea m'huwiex applikabbli;

3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

4. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi li per konsegwenza tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, u minħabba l-Att X tal-2009, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom tal-fond 28 fi Triq Fuq il-Għajn, Għajnsielem, Għawdex, bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. Tilqa' in parte t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b' konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet suċċitati fit-talba preċedenti u tiċħadha fil-parti relatata mal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

6. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-istess kumpens u danni kemm pekunjarji u non-pekunjarji fl-ammont kumplessiv ta' mija u ħamsa u tletin elf, disgħa mija tmienja u tletin Ewro u tmienja u sebgħin ċentezmu (€135,938.78);

7. Tilqa' in parte r-raba' talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni likwidati u tichadha fil-parti fejn relatata mal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Tichad il-hames talba billi fic-cirkostanzi m'hemmx rimedji ohra meqjusa xierqa.

Tordna notifika ta' din id-decizjoni lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta' Gunju, 2025**

**Jake Mejlak**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Gunju, 2025**